**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SEBA' KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 78 – L-ERBGĦA 17 TA' OTTUBRU 2018**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fil-17:33.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Sindku |
| | Clinton Sammut | Viċi-Sindku |
| | Clifford Galea | Kunsillier (wasal 17.37) |
| | Alexander Agius | Kunsillier |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Pierre Sciberras | Kunsillier |
| | Marlon Brincat | Kunsillier |
| | Maryanne Cuomo | Kunsillier |
| | Joe Spiteri | Kunsillier |
| Uffiċjali preżenti: | Paul Gatt | Segratarju Eżekuttiv |

Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) informa li l-laqgħa qed tiġi trasmessa *live* kemm fuq l-*internet*, kif ukoll fuq il-*facebook page* tal-kunsill

***1.*** **QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI**

1.1. Is-SE informa li l-Kunsillier Gatt kien se jasal tard.

1.2. Il-Viċi Sindku skuża ruħu li fil-laqgħa ta' qabel kien assenti. Huwa informa li kien ma' jiflaħx u ma' setax jinforma lill-Kunsill b' dan qabel il-laqgħa.

***2.*** **KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

2.1. Ġew imressqa l-minuti tal-laqgħat numru 77.

2.2. Il-Minuti kienu approvati wara rakkomandazzjoni mis-Sindku u ssekonda l-Kunsillier Sciberras.

2.3. *Arising* minn punt 7.1 il-Kunsillier Cuomo infurmat li saret it-talba lid-dipartiment tax-xogħlijiet filwaqt li SE informa lid-dipartiment qabel li iżda l-ewwel se jġibu l-ġnien fi stat tajjeb imbgħad jgħadduh lill-Kunsill.

***3.*** **KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**

3.1. Is-Sindku reqsqet tliet ittri minngħand ir-Reġjun Tramuntana.

3.2. F' dan il-ħin wasal il-Kunsillier Galea.

3.3. L-Ewwel ittra ppreżentata kienet dwar ir-reċipjenti tal-Bring in Sites, fejn il-Kunsill qabel li l-kunsillier Agius għandu jevalwa il-proposti u jgħaddi ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu.

3.4. Dwar it-tieni ittra mir-Reġjun dwar attivitajiet tal-Folklore il-Kunsill ma qabilix li għandu jorganizza tali attivita' sabiex ikun jista' jiffoka fuq l-attivitajiet eżistenti.

3.5. Dwar il-proposta' tal-Victoria Lines il-Kunsill ma qabilx li kellu iressaq ir-riżoluzzjoni proposta, iżda minnflok jaċċetta li jkun hemm kumitat għall-istess skop biex jikkollabora bejn il-Kunsilli involuti u jinnegozja f'isimhom .

3.6. Is-Sindku infurmat li fuq suġġeriment li ressqet hi, il-ħanut RC World ħa ħsieb jikkordina attivita' tal-Halloween għall-31 ta' Ottubru. Huwa kellu l-iskop li jġib lura t-tfulja (reclaiming childhood). Hija għamlet kuntatt mas-Surmast tal-iskola primarja li aċċetta li s-sena d-dieħla jikkolabbora. F'din l-inizjattiva se jkkollaboraw ukoll numru ta' ħwienet. Il-Kunsill qabel.

3.7. Is-Sindku fakkret li qed issir il-kordinazzjoni flimkien ma' OASI bies issir il-konferenza fit-28 ta' Novembru ġewwa Villa Arrigo bejn id- 9.00am u 1.00pm.

3.8. Is-Sindku ressqet proposta minngħand sid ta' bowser li jiġbed l-ilma minn Triq l-Oratorju. Il-Kunsill qabel mal-proposti tas-Sur Bonavia li ssir kaxxa dejqa mal-ħajt u li għandu jkollu post riservat. B'dan is-Sur Bonavia qiegħed joffri wkoll l-ilma f'każ ta' emergenza u wkoll lid-dipartiment tal-protezzjoni ċivili.

3.9. Tressqet talba minngħand il-kandidat għall-elezzjonijiet Ewropej Joe Sammut. Il-Kunsill ma' qabilx li bħala Kunsill għandu jiltaqa' mal-kandidati, ikunu min ikunu. Dan minħabba limitazzjoni ta' ħin.

3.10. Issemma x-xogħol fuq il-latrina. Ix-xogħol se jsir mill-Kunsillier Brincat mingħajr ebda ħlas.

3.11. Tressqet proposta għal reklam fuq programm ta' attivta' tal-banda Peace għal prezz ta' Eur 350. Il-Kunsill qabel.

3.12. Is-Sindku infurmat li saret laqgħa mal-kuntrattur Innovative Projects fejn wara diskussjoni miegħu huwa propona li jitnaqqaslu l-ammont ta' Eur2000 mill-kont pendenti. Il-Kunsillier Brincat pero' resaq kontropropsta li wara li jitnaqqaslu l-penali tad-default notices il-bilanċ jinqasam nofs bin-nofs. Il-Viċi Sindku u l-Kunsillier Aguis issekondaw din il-proposta. Il-Kunslliera Cuomo astjeniet, filwaqt li l-kumplament tal-Kunsilliera ivvutaw favur.

## *4.* TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

4.1. Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsillieri.

## *5.* KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TA' ĦLASIJIET

5.1. Ġew ippreżentati r-rapporti finanzjarji.

5.2. Dawn kienu approvati wara proposta mis-Sindku u ssekondata mill-Kunsillieri Cuomo u Sciberras.

## *6.* RAPPORT MILL-KUMITAT AMINISTRATTIV TA' BAĦAR IĊ-ĊAGĦAQ

6.1. Il-Kunsilliera Cuomo tat rendikont ta' l-aħħar laqgħa fejn kien hemm qbil li ssir konferenza stampa f' Xatt il-Palm li turi id-dispjaċir tal-Kumitat li Transport Malta ma wettqitx ix-xogħol imwiegħed. Hija uriet ix-xewqa li l-Kunsillieri kollha jattendu.

6.2. F’ dan il-ħin il-Kunsillier Galea talab li jkun skużat mill-kumplamnet tal-laqgħa. Il-ħin kien 19.01.

### *7.* SKART ORGANIKU

7.1. F’ dan il-ħin is-Sindku infurmat lill-Kunsill dwar is-sistema ta’ ġbir ta’ skart organiku. Hi u s-SE kellhom laqgħa mal-kuntrattur fejn filwaqt li l-ġbir ta’ skart organiku se jitħallas minn Wasteserv, il-kuntrattur ġibed l-attenzjoni li jista’ jkun jidħol fi spejjeż żejda minħabba r-rotot addizzjonali. Il-Kunsill qabel li kemm-il darba jkun hemm prova ta’ spejjez addizzjonali li ma jkunux fil-kontroll tal-kuntrattur, għandu jitħallas tagħhom.

7.2. F’dan il-ħin il-Kunsillier Sciberras talab li jkun skuzat mill-kumplament tal-laqgħa. Il-ħin kien 19.12.

### *8.* IMPJIEG TA’ UFFIĊJAL TAX-XOGĦOLIJIET

8.1. Il-Kunsill qabel li tintalab l-approvazzjoni tad-Dipartiment biex toħroġ is-sejħa għal impjieg ta’ uffiċjal tax-xogħlijiet.

### *9.* RENDIKONT DWAR IL-PROĊESS TA’ L-OFFERTI

9.1. Is-SE għadda lista dettaljata tal-offerti kollha ppublikati din is-sena jew qegħdin fil-proċess li jkunu ppublikati.

9.2. Il-Kunsillier Spiteri talab lista tal-kuntratti eżistenti.

9.3. F’dan il-ħin wasal il-Kunsillier Gatt. Il-Ħin kien 19.22.

### *10.* TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

10.1. Il-laqgħa intemmet fis-19.22 u d-data li ntagħżlet għal-laqgħa li jmiss hija nhar l-Erbgħa 21 ta’ Novembru 2018 fil- 17.30.

**ANNE MARIE MUSCAT FENECH ADAMI**
**SINDKU**

**PAUL GATT DIP.MGMT (HENLEY), MIM**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV**